MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 370/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Desmond Falzon**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Desmond Falzon, bin Alfred u Francis nee` Formosa, imwieled Mtarfa fl-14 ta’ Settembru, 1964 (karta tal-identita` numru 459464(M)) talli fid-9 ta’ Frar 2003, ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu, gewwa Birkirkara:

(1) ikkaguna feriti [recte: offizi] ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Monica Montanaro, skond kif iccertifika Dr D. Mallia M.D. tal-isptar San Luqa;

(2) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika bi ksur ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

(3) qal kliem oxxen u espressjonijiet ta’ dagha bi ksur ta’ l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Ottubru, 2007 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Desmond Falzon mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 28A, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin, rabtitu taht penali ta’ Lm100 illi ghal sena b’ebda mod ma jivvessa jew jimmolesta lil Monica Montanaro, kif ukoll ikkundannatu jhallas Lm48.25 spejjez peritali;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Desmond Falzon, minnu prezentat fil-25 ta’ Ottubru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi liberat anke mill-ewwel imputazzjoni (u konsegwentement minn kull piena u htija) jew, alternattivament, tigi imposta piena aktar adegwata ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2008; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-offiza li l-appellant ikkaguna f’wicc Monica Montanaro bid-daqqa ta’ ponn li taha kienet tammonta ghal offiza gravi, u senjatament ghal “mankament jew sfregju fil-wicc” skond l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, ser tilqa’ dana l-aggravju. Ma hemmx dubbju li dak li jirrizulta mill-provi hu li l-appellant, f’mument meta kien irrabjat ghall-imsemmija Monica Montanaro (li tigi oht martu) ghax deherlu li din kienet qed timmalafamah jew altrimenti tohloqlu l-inkwiet ma’ martu, mar ghand missierha suppost biex ikellimha, u kif din dahlet fil-kamra

fejn kien, huwa mar dritt ghal fuqha u capcpilha daqqa ta' ponn f'ghajnejha x-xellugija. Mill-punto di vista ta' dritt huwa minnu dak li ssottomettiet il-prosekuzzjoni, kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, li l-mankament jew sfregju jista' jkun anke wiehed temporanju[1] u mhux mankament jew sfregju gravi – jekk l-isfregju jkun gravi u permanenti allura jkollok l-offiza gravissima taht l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Pero` ghall-finijiet ta' l-Artikolu 216(1)(b) in dizamina irid ikollok dejjem "mankament" jew "sfregju" f'wahda mill-partijiet tal-gisem indikati f'din id-disposizzjoni – wicc, ghonq jew idejn. Il-kliem "mankament" (*"deformity"* fit-test ingliz) u "sfregju" (*"disfigurement"*) ma humiex sinonimi. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**,

**"B'mankament…fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament *'cioe` peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm semplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox**

[1] Ara is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fortunato Sultana**.

**jiddependi mill-entita` tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."**

L-ahjar prova ta' x'effett kellha id-daqqa ta' ponn fuq wicc Montanaro kienet tkun ritratt, wiehed jew aktar, mehud ftit sieghat wara l-incident. Tali prova fotografika sfortunatament ma saritx. Il-provi medici – certifikati u deposizzjonijiet ta' tobba – jindikaw biss dbengila fin-naha fl-ghatu ta' isfel ta' l-ghajn ix-xellugija u ferita – *lacero-contused wound* – mal-genb ta' l-ghajn twila 1.5 centimetri li kienet tirrikjedi xi punti. Ghalkemm it-tabib Dott. Dennis Mallia a fol. 28 tal-atti jghid li l-offiza hija gravi "minhabba l-post fejn kienet qieghda li kienet fil-wicc", il-posizzjoni fil-wicc wahedha mhix bizzejjed – kif inghad, wiehed irid jara l-entita` tal-hsara biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li hemm *"deformity"* jew *"disfigurement"*. Hekk, per ezempju, kieku d-daqqa jew daqqiet fil-wicc igibu nefha jew nefhiet, wiehed ikun jista' jitkellem dwar mankament, anke jekk tali nefha tghaddi wara ftit jiem. Ovvjament, aktar ma jkun hemm offizi fil-wicc aktar jista' dak li jkun jitkellem dwar mankament jew addirittura sfregju. Fil-kaz in dizamina u fin-nuqqas ta' evidenza fotografika din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li hawn si tratta ta' hsara ta' entita` tali li wiehed jista' jibda jitkellem dwar mankament jew sfregju. Anqas ma hu il-kaz ta' offiza gravi minhabba li din tista' ggib xi wahda mill-konsegwenzi fis-sub-paragrafi (ii) jew (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 216. Huwa minnu li, kif iddepona l-okulista Dott. Jeffrey Zarb Adami, wara daqqa fuq l-ghajn hemm dejjem possibilita` fil-hames snin ta' wara li tizviluppa ketarretta; izda il-ligi tipprovdi, fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 216, li *"jitqies li l-offiza setghet iggib dak il-perikolu fil-kaz biss illi dan il-perikolu kien probabbli minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiza"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Mera possibilita`, ghalhekk, anzi – fi kliem Dott. Zarb Adami – "cans zghir" (fol. 204) jew "riskju zghir" (fol. 206) ma tilhaqx il-livell tal-probabbli rikjest mill-imsemmi subartikolu.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li huwa laqat lil Montanaro accidentalment jew li taha biss daqqa ta' harta meta din kienet ser taggredih. Din il-Qorti bla tlaqliq qed tirrespingi dana l-aggravju. Mid-deposizzjoni kemm tal-kwerelanti kif ukoll ta' missierha, u anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-deposizzjoni ta' l-appellant minnu moghtija quddiem l-ewwel qorti, din il-Qorti, bhall-Qorti tal-Magistrati qabilha, hi tal-ferma konvinzjoni li kien l-appellant li aggredixxa intenzjonalment lil Montanaro u deliberatament taha daqqa ta' ponn go wiccha. Ma hemm xejn irragjonevoli, kif qed jippretendi l-appellant, fl-apprezzament li l-ewwel qorti ghamlet f'dan ir-rigward.

Kwantu ghall-piena – it-tielet aggravju hu li fi kwalunkwe kaz il-piena kienet gravuza wisq tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – huwa evidenti li galadarba din il-Qorti qed tiddeciedi li l-offiza kienet wahda ta' natura hafifa ser ikun hemm ridimensjonament tal-piena. Il-Qorti tippreciza a propositu li l-aggravju ta' l-Artikolu 202(h)(*vii*) abbinat ma' l-Artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali – cioe` meta l-offiza ssir fuq persuna li tigi mill-hati bi zwieg sa tlett gradi inkluzivament – ma japplikax f'dan il-kaz stante li dana l-aggravju gie fis-sehh biss bl-A.L. 56 ta' l-2006 filwaqt li r-reat jirrisali ghal Frar ta' l-2003. Il-fedina penali nadifa ta' l-appellant – giet ezibita fedina penali aggornata fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2008 li turi li l-appellant qatt ma kellu xi kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, oltre, naturalment, dik appellata – kif ukoll il-fatt li l-kwerelanti hafret lill-appellant huma cirkostanzi li jimmilitaw favur mitigazzjoni fil-piena. Il-piena ghal offiza ta' natura hafifa u minghajr ebda aggravanti hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur jew multa. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti hi tal-fehma li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena tal-multa hija aktar indikata; u anqas ma jidher li hemm bzonn li jigi impost il-precett skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9. Jigi precizat ukoll a skans ta' ekwivoci li l-espressjonijiet ta' "mahfra" maghmula fil-25 ta' Gunju 2003 mill-avukat ta' Montanaro fil-verbal ta' dik l-udjenza (fol. 45), kif ukoll mill-istess Montanaro meta regghet xehdet fid-9 ta' Frar 2005 (ara fol. 91) ma jammontawx fil-fehma tal-Qorti ghal rinunzja ghall-azzjoni ghall-finijiet ta' l-Artikolu 545(1) tal-Kap. 9,

abbinat ma' l-Artikolu 221(4) ta' l-istess Kodici. Tali rinunzja ta' l-azzjoni jew recess tal-kwerela ghandu dejjem isir b'mod car u inekwivoku, u mhux f'termini jew espressjonijiet vagi ta' mahfra jew nuqqas ta' pretensjonijiet.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif ukoll tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok issib lill-appellant hati tar-reat minuri, izda kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni, ta' offiza hafifa fuq il-persuna u, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221(1), 533 u 11 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imsemmi Desmond Falzon ghal multa ta' seba' mitt ewro (Ewro 700), konvertibbli f'sittin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------